2024/1282

8.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1282

tas-7 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 ([2]) jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-snin finanzjarji 2021 sal-2027.

(2) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG għandu jkun kostitwit mill-ammonti massimi għas-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([3]).

(3) Wara l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin mill-2021 sal-2027 kif stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, is-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti għas-snin mill-2025 sal-2027 ġie mmodifikat kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 ([4]).

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi aġġustat il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għas-snin mill-2025 sal-2027 kif stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 tat-3 ta' Frar 2021 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (ĠU L 40, 4.2.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/128/oj).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

ANNESS

"ANNESS

Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(miljuni ta' EUR)

Sena finanzjarja	Ammonti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR		Ammonti ttrasferiti mill-FAEŻR	Bidla wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kif stabbilit fi Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG
	L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013		
2021	1 099,539	58,165	600,658		40 367,954
2022	1 086,292	57,919	525,400		40 638,189
2023	1 277,253	55,858	507,322		40 692,211
	L-Artikolu 103(1), il-punt (a) u l-Artikolu 103(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115	L-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115	L-Artikolu 103(1), il-punt (b) u l-Artikolu 103(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115		
2024	1 632,136	5,000	590,214		40 602,078
2025	1 702,286	5,000	590,214	–136,000	40 528,928
2026	1 807,987	5,000	590,214	–149,000	40 541,227
2027	1 981,419	5,000	590,214	–155,000	40 495,795"